

Brussell, 22 ta' Ottubru 2019  
(OR. en)

13242/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0180(COD)**

---

**CODEC 1504**  
**SOC 684**  
**ECOFIN 889**  
**FSTR 158**  
**COMPET 683**  
**FIN 669**  
**IA 194**  
**CADREFIN 348**  
**PREP-BXT 168**  
**PE 243**

#### **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                  |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                     |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020)<br>– Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Strasburgu, mill-21 sal-24 ta' Ottubru 2019) |

#### **I. INTRODUZZJONI**

Fit-2 ta' Ottubru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fit-3 ta' Ottubru 2019, ir-relatur, Vilija BLINKEVIČIŪTĖ (S&D, LT), ippreżentat rapport fisem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bl-għan li tiġi aċċettata l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq.

## II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-22 ta' Ottubru 2019 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi<sup>1</sup>. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Għalhekk il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

---

---

<sup>1</sup> Għal raġunijiet proċedurali, żdiedet premessa ġdida li tispjega l-eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat biex jiġu kkonsultati l-Parlamenti nazzjonali fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

## **Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1309/2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) (COM(2019)0397 – C9-0109/2019 – 2019/0180(COD))**

### **(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0397),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 175, it-tielet paragrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0109/2019),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Settembru 2019<sup>1</sup>,
  - wara li kkonsulta lill-Komitat tar-Regġuni,
  - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-2 ta' Ottubru 2019, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Komitat għall-Baġits,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0015/2019),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

---

<sup>1</sup> Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu annessa ma' din ir-risoluzzjoni;
3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Ottubru 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

Billi:

---

<sup>1</sup> Opinjoni tal-25 ta' Settembru 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2019.

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> stabbilixxa l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għat-tul kollu tal-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013. L-FEG ġie stabbilit biex jippermetti lill-Unjoni turi solidarjetà mal-ħaddiema li tilfu l-impjiegi tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' fl-2009 bir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> bħala parti mill-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku biex jinkludi sostenn lill-ħaddiema li jingħataw is-sensja bħala riżultat dirett tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali.

---

<sup>3</sup> Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1).

<sup>4</sup> Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26).

- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> stabbilixxa l-FEG għat-tul kollu tal-qafas finanzjarju pluriennali mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Ir-Regolament estenda wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG biex ma jkoprix biss is-sensji li jirriżultaw minn bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u s-sensji li jirriżultaw minn taqlib ekonomiku serju kkawżat minn kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, iżda wkoll is-sensji li jirriżultaw minn kwalunkwe kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> emenda r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 sabiex jintroduċi, fost oħrajn, regoli li jippermettu lill-FEG ikopri eċċezzjonalment l-applikazzjonijiet kollettivi li jinvolvu lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li jinsabu f'reġjun wieħed u li joperaw f'setturi ekonomiċi differenti definiti fil-livell tad-diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2, fejn l-Istat Membru applikant juri li tali SMEs huma t-tip ewlieni jew esklużiv ta' negozju f'dak ir-reġjun.

---

<sup>5</sup> Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855).

<sup>6</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (4) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). It-Trattati ser jieqfu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara li tkun saret in-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perijodu.
- (5) Wara li ntlaħaq ftehim għall-ewwel estensjoni fit-22 ta' Marzu 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584<sup>7</sup> fil-11 ta' April 2019, fejn huwa qabel, wara talba ulterjuri mir-Renju Unit, li jestendi l-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE sal-31 ta' Ottubru 2019. Sakemm ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit ma jkunx daħal fis-seħħ sad-data ta' wara dik li fiha t-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit, jew il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, unanimament jiddeċiedi li jestendi l-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE għat-tielet darba, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE ser jintemm fil-31 ta' Ottubru 2019.

---

<sup>7</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

- (6) Il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ x'aktarx jaffettwa b'mod negattiv li xi industrij u servizzi billi jwassal biex xi persuni li jaħdmu f'dawk is-setturi jingħataw is-sensji. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 sabiex jispeċifika li tali sensji jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG. Dan jiżgura li l-FEG ikun jista' jirrispondi b'mod effettiv billi jipprovdi assistenza lill-ħaddiema li jingħataw is-sensja f'oqsma, setturi, territorji jew swieq tax-xogħol soġġetti għal taqlib ekonomiku serju minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ.
- (7) Fid-dawl tal-urġenza li nħolqot mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, tqies li huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, li huwa anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (8) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li japplika mill-jum ta' wara dak li fih it-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit. Madankollu, jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax jekk sa dik id-data jkun daħal fis-seħħ ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 50(2) TUE,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

### Emendar tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- “(a) ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet b'riżultat tal-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet kummerċjali dinjin minħabba l-globalizzazzjoni, li jidhru, b'mod partikolari, minn żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet lejn l-Unjoni, bidla serja fil-kummerċ ta' oġġetti u servizzi fl-Unjoni, minn tnaqqis rapidu tas-sehem mis-suq tal-Unjoni f'settur partikolari, minn delokalizzazzjoni ta' attivitajiet lejn pajjiżi terzi jew bħala riżultat tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ftehim dwar il-ħruġ, dment li dawn is-sensji jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali;”.

## Artikolu 2

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-jum ta' wara dak li fih it-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) TUE.

Madankollu, dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 50(2) TUE jkun daħal fis-seħħ sad-data ta' wara dik li fiha t-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

## **ANNES GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA**

### **DIKJARAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Il-Parlament Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw applikazzjoni flessibbli tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) fil-każ tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' applikazzjonijiet kollettivi li jinvolvu l-SMEs f'każijiet individwali jew multisettorjali.

---